

32004R0141

29.1.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 24/25

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 141/2004

tat-28 ta' Jannar 2004

li jistipula r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 rigward il-miżuri ta' żvilupp rurali transitorji applikabbli għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja

IL- KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it- Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja u b'mod partikolari l-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja u b'mod partikolari lewwel paragrafu ta' l-Artikolu 1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kapitolu IXa tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija Agrikoli (FEGGA) u li jemenda u jħassar ċerti Regolamenti⁽¹⁾ introdotti mill-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja, jiddefinixxi b'mod ġenerali l-kondizzjonijiet li taħtom għajnuha temporanja addizzjonali għandha tingħata għall-miżuri ta' żvilupp rurali transitorji fl-Istati Membri ġodda. Irregoli ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati sabiex jgħinu lil daww il-kondizzjonijiet u jadattaw ċerti regoli maħsuba minn qabel mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 445/2002 tas-26 ta' Frar 2002 li jistipula r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG)⁽²⁾.

(2) Daww irregoli għandhom ikunu konformi mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità u għalhekk għandhom ikunu limitati għal dak li hemm b'żonn sabiex jinkisbu l-għanijiet imfittxija.

(3) Kondizzjonijiet ta' eliġibiltà għal ċerti miżuri transitorji għandhom, għalhekk, ikunu speċifikati u l-limiti ta' għajnuha applikabbli għal Malta għandhom ikunu stipulati.

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 80, Regolament kif emendat l-aħħar mill-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja.

⁽²⁾ ĠU L 74, 15.03.02, p. 1, Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 963/2003 (ĠU L 138, 05.06.03, p. 32).

(4) Sabiex jiġi faċilitat listabbiliment tal-pjanijiet ta' żvilupp rurali inkluż daww il-miżuri, u leżaminazzjoni u l-approvazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni, regoli komuni relatati ma' l-istruttura u l-kontenut tagħhom għandhom ikunu stipulati b'mod partikolari fuq il-bażijiet ta' l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Istrutturi Agrikoli u ma' l-iżvilupp Rurali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

IL-KAPITOLU I

INTENZJONI

Artikolu 1

Ambitu

Dan ir-Regolament jistipula r-regoli ta' implimentazzjoni marbuta ma':

- (a) il-miżuri speċifiċi ta' żvilupp rurali maħsuba fil-Kapitolu IXa tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 u applikabbli għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja (minn issa 'l quddiem imsejħa "l-Istati Membri l-ġodda");
- (b) programmazzjoni u evalwazzjoni tal-miżuri ta' żvilupp rurali għall-Istati Membri ġodda.

IL-KAPITOLU II

MIŻURI SPEĊIFIĊI APPLIKABBLI GĦALL-ISTATI MEMBRI ĠODDA

Artikolu 2

Appoġġ għal għelieqi li parti mit-tkabbir tagħhom jgħajjex lill-proprietarju u li jkun qiegħdin jiġu ristrutturati

Il-pjan ta' nfiq u dħul maħsub fl-Artikolu 33b(2) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għandu jkun dettaljat biżżejjed biex ikun jista' jintuża bħala appoġġ ta' l-investment fil-kumpaniji agrikoli.

Artikolu 3

Assistenza teknika

B'deroga ta' l-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 445/2002, ir-Regola Nru 11 ta' l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1685/2000⁽¹⁾ tapplika l-miżura msemmija fl-Artikolu 33e tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

Artikolu 4

Miżuri ta' komplettezza għall-ħlasijiet diretti

Kondizzjonijiet ta' eliġibilita' biex jiġi garantit l-appoġġ skond il-miżura maħsuba fl-Artikolu 33h tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 huma definiti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-ħlas nazzjonali dirett komplementari.

IL-KAPITOLU III

APPOĠĠ MIŻJUD APPLIKABBILI GĦAL MALTA

Artikolu 5

Miżuri ta' komplettezza għall-għajnuna Statali f'Malta

Kondizzjonijiet ta' eliġibilita' sabiex ikun garantit l-appoġġ skond il-miżura maħsuba fl-Artikolu 33i tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 huma definiti fil-qafas tal-Programm Speċjali ta' Politika tas-Suq għall-Agricoltura Maltija (SMPPMA) previst fl-Anness XI, Kapitolu 4, Sezzjoni A, punt 1 ta' l-Att ta' Adeżjoni.

IL-KAPITOLU IV

DEROGI APPLIKABBILI GĦAL ĊERTI STATI MEMBRI

Artikolu 6

Ambjent agrikolu

L-ammont massimu annwali għal kull ettaru għall-manutenzjoni u l-preservazzjoni tal-ħitan tas-sejjeħ f'Malta previst fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 33m(2) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 hu indikat fl-Anness I, punt A.

⁽¹⁾ ĠU L 193, tad-29.7.2000, p. 39.

Artikolu 7

Gruppi ta' prodotti f'Malta

1. Dawk il-gruppi ta' produttori li jinkludu persentaġġ minimu ta' produttori fis-settur u jirrapreżentaw persentaġġ minimu tal-produzzjoni fis-settur għandhom ikunu eliġibbli għal għajnuna minima prevista fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 33d(3) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

2. L-ammont minimu ta' appoġġ, ikkalkulat bħala funzjoni ta' l-ispiża minima neċessarja biex jiġi fformat grupp żgħir ta' produttori, hu indikat fl-Anness I, punt B.

IL-KAPITOLU V

DISPOSIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI U FINANZJARJI

Artikolu 8

Evalwazzjoni

L-evalwazzjoni ta' nofs it-term imsemmija fl-Artikolu 56 u 57 tar-Regolament (KE) Nru 445/2002 m'għandhiex tapplika għall-Istati Membri ġodda matul il-perjodu ta' programmar 2004-2006.

Artikolu 9

Programmar

1. Sabiex japplikaw il-punt 8 ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 445/2002 l-Istati Membri l-ġodda se jużaw tabella finanzjarja totali indikattiva inkluża fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

2. Minbarra l-informazzjoni maħsuba fil-punt 9 ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 445/2002, il-pjanijiet ta' żvilupp rurali previsti fit-Titlu III, Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 fihom l-informazzjoni mniżżla fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

IL-KAPITOLU VI

DISPOSIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ nhar l-1 ta' Mejju 2004 skond id-dħul fis-seħħ ta' l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Isovenja u l-Isovakka.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Jannar 2004.

Għall-Kummissjoni
 Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNEX I

Tabella ta' l-ammonti għall-miżuri speċifiċi għal Malta

A. Ammont massimu msemmi fl-Artikolu 6:

Suġġett	EWR	
Ħlas massimu għall-manutenzjoni u l-preservazzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ	2 000	għal kull ettaru

B. Ammont massimu imsemmi fl-Artikolu 7, it-tieni inċiż:

Suġġett	EWR	
Appoġġ għall-ħolqien ta' grupp ta' produttori	63 000	L-ewwel sena
	63 000	It-tieni sena
	63 000	It-tielet sena
	60 000	Ir-raba' sena
	50 000	Il-ħames sena

L-ANNEX II

Programmar annwali (Ghajjnuna ta' l-UE f'miljuni ta' EWR)

	2004	2005	2006
Pjan totali			

Tabella finanzjarja indikattiva totali: Programmi ta' żvilupp rurali

(EWR miljuni)

	Perjodu ta' programmar 2004-2006		
	Spiża pubblika ⁽¹⁾	Kontribuzzjoni ta' l-UE ⁽²⁾	Kontribuzzjoni Privata ⁽³⁾
Prijorità A			
Miżura A1 (eż. Ambjent Agrikolu)			
Proġetti tal-Miżura A1 approvati skond ir-Regolament (KE) Nru 1268/1999 ⁽⁴⁾			
Miżura A2...			
... Miżura An			
Total A			
Prijorità B...			
Miżurae B 1 (eż irtirar kmieni)			
Miżura B2...			
... Miżura Bn			
Total B			
Prijorità Ċ			
Miżura Ċ1 (eż. Grupp ta' produtture)			
Miżura Ċ1: Proġetti approvati skond ir-Regolament (KE) Nru 1268/1999 ⁽⁴⁾			
Miżura Ċ2...			
... Miżura Ċ n			
Total Ċ			
Prijorità N			
Miżura N1 (eż. Tisġir)			
Miżura N1: Proġetti approvati skond ir-Regolament (KE) Nru 1268/1999			
Miżura N2...			
... Miżura Nn			
Total N			
Azzjonijiet oħra			
Assistenza teknika			
Evalwazzjoni			
Total, azzjonijiet oħra			
Pjan totali — (P) ⁽⁵⁾			

(1) Kolonna riservata għall-ispiża pjanifikata (fis-sens ta' spiża pubblika), ippreżentata għal għanijiet indikattivi.

(2) Kolonna riservata għall-kontribuzzjoni tal-Komunità ippjanifikata għal kull miżura. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità li hi pertinenti għall-ispiża li għandha titħallas għandha tkun ikkalkulata bl-użu tar-rati u r-regoli stipulati fil-programm għal kull miżura. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità tista' tkun ikkalkulata bħala funzjoni ta' l-ispiża pubblika eliġibbli (kolonna 2/kolonna 1) jew bħala funzjoni ta' l-ispiża totali eliġibbli [kolonna 2/(kolonna 1+kolonna 3)].

(3) Kolonna riservata għall-ispiża pjanifikata (fis-sens ta' spiża privata), ippreżentata għal għanijiet indikattivi, fejn tali kontribuzzjoni hi pjanifikata għall-miżura.

- (4) Spiża pjanifikata skond l-Artikolu 33 paragrafu 5 ta' l-Att ta' Adeżjoni.
 (5) Il-bażi ta' kalkolu hi t-tabella tal-programm finanzjarju annessata mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova d-dokument ta' programmazzjoni kif l-aħħar emendat.

Jekk l-istess miżura hi mmizzla taħt aktar minn priorita' waħda l-Istat Membru għandu jipprovdi, għal għanijiet ta' tħaddim finanzjarju, tabella oħra li tgħaqqad l-ispiża kollha marbuta ma' dik il-miżura. It-tabella addizzjonali għandu jkollha l-istess struttura bħat-tabella hawn fuq u l-istess ordni bħal lista li ġejja.

Il-miżuri differenti huma definiti kif ġej:

- (a) investiment fl-għelieqi;
- (b) għajjnuna tal-bidu għal bdiewa żgħażaġh;
- (c) taħriġ;
- (d) irtirar kmieni;
- (e) żoni anqas favoriti u żoni b'restrizzjonijiet ambjentali;
- (f) assistenza agro-ambjentali u dwar l-annimali;
- (g) it-titjib tat-tagħmil u tat-tqegħid fuq is-suq tal-prodotti agricoli;
- (h) tiżgħir ta' l-art agrikola;
- (i) miżuri oħra ta' forestazzjoni;
- (j) titjib ta' l-art;
- (k) taqsim mill-ġdid;
- (l) għajjnuna biex tinbeda attivita' agrikola u servizzi ta' mmaniġġjar ta' l-attivita' agrikola, it-tħejjija u l-għoti ta' servizzi tal-pariri u servizzi estensivi;
- (m) it-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti agricoli ta' kwalita';
- (n) servizzi bażiċi għall-ekonomija u l-popolazzjonijiet rurali;
- (o) tiġdid u żvilupp ta' l-irħula u l-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-wirt rurali;
- (p) diversifikazzjoni ta' l-attivitajiet agricoli u attivitajiet qrib l-agrikoltura sabiex jiġu pprovduti diversi attivitajiet jew sorsi alternattivi ta' dħul;
- (q) l-immaniġġjar tar-riżorsi ta' l-ilma agrikolu;
- (r) l-iżvilupp u t-titjib ta' l-infrastrutturi marbuta ma' l-iżvilupp ta' l-agrikoltura;
- (s) it-thegħiġ ta' attivitajiet turistiċi u tas-snaġja;
- (t) il-ħarsien ta' l-ambjent b'rabta ma' l-agrikoltura, mat-tiżgħir u ma' l-immaniġġjar tal-pajsaġġ u t-titjib ta' l-għajjnuna għall-annimali;
- (u) il-bini mill-ġdid tal-potenzjal produttiv agrikolu milqut ħażin minn diżastri naturali u l-introduzzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni xierqa;
- (v) pjanifikazzjoni finanzjarja;
- (x) il-kisba tal-livelli;
- (y) l-użu tas-servizzi ta' pariri agricoli konnessi mal-kisba tal-livelli;
- (z) sehem volontarju tal-bdiewa fl-iskemi tal-kwalità ta' l-ikel;
- (aa) attivitajiet tal-grupp ta' produtturi marbuta mal-kwalità ta' l-ikel;
- (ab) għelieqi li parti mit-tkabbir tagħhom jgħajjex lill-proprietarju u li jkunu qiegħdin jiġu ristrutturati;
- (ac) gruppi ta' produtturi;
- (ad) għajjnuna teknika;
- (ae) miżuri ta' komplettezza għall-ħlasijiet diretti;
- (af) miżuri ta' komplettezza għall-għajjnuna Statali f'Malta;
- (ag) bdiewa li x-xogħol prinċipali tagħhom hu fil-biedja.

Il-miżuri (h) sa (s) jistgħu jkunu definiti bħala miżura waħda (h) li thegħeġ l-aġġustament u l-iżvilupp ta' żoni rurali.

L-ANNEX III

Tagħrif dwar il-miżuri speċifiċi u d-derogi imsemmija fil-Kapitolu Ixa tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 li għandu jitniżżel fil-pjanijiet ta' żvilupp rurali.**1. Miżuri applikabbli għall-Istati Membri ġodda kollha**I. *Appoġġ għal għelieqi li parti mit-tkabbir tagħhom jgħajjex lill-propretarju u li jkunu qiegħdin jiġu ristrutturati*

A. Karatteristiċi prinċipali:

- definizzjoni ta' l-għalqa li parti mit-tkabbir tagħha jgħajjex lis-sid billi jiġi kkunsidrat il-qies minimu u/jew massimu ta' l-għalqa, appororzjon mal-produzzjoni imqiegħda fuq is-suq, u/jew il-livell ta' qliegħ ta' l-għalqa eliġibbli,
- definizzjoni tal-viabilità ekonomika;

B. Tagħrif ieħor:

- il-kontenut tal-pjan ta' dħul u nfiq.

II. *Gruppi ta' produttori*

A. Karatteristiċi prinċipali:

- għal Malta biss, indikazzjoni tas-settur jew setturi li jibbenefikaw mid-deroga bil-ġustifikazzjoni relatata mal-produzzjoni estremament baxxa, u l-kondizzjonijiet ta' eliġibilità għad-deroga: persentaġġ minimu tal-produzzjoni tal-grupp meta mqabbla mal-produzzjoni totali fis-settur, persentaġġ minimu ta' produttori fis-setturi li huma membri tal-grupp,
- għal Malta biss, ġustifikazzjoni u kalkolazzjoni ta' l-ammonti annwali;

B. Tagħrif ieħor:

- deskrizzjoni tal-proċedura uffiċjali sabiex jiġu rikonnoxxuti l-gruppi inkluż il-kriterji ta' għażla,
- Setturi konċernati.

III. *Assistenza teknika*

A. Karatteristiċi prinċipali:

- mhux applikabbli;

B. Tagħrif ieħor:

- deskrizzjoni tal-benefiċjarji.

IV. *Miżuri prinċipali + miżuri skond it-tip*

Kisba tas-snaġġa' (L-Artikolu 33f(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999)

A. Karatteristiċi prinċipali:

- proċedura u kalendarju għall-għażla tal-kuntratturi responsabbli għall-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet;

B. Tagħrif ieħor:

- ma jgħoddx.

Strateġiji sperimentali ta' żvilupp rurali territorjali (L-Artikolu 33f(2) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999)

A. Karatteristiċi partikolari:

- proċedura u kalendarju biex jingħażlu l-gruppi ta' azzjoni lokali li jibbenefikaw mill-miżura, inklużi kriterji ta' għażla u numru massimu ippjanat ta' benefiċjarji,
- kriterji sabiex tintwera l-ħila u l-esperjenza amministrattiva fl-approċċ tat-tip ta' "żvilupp lokali rurali" fuq livell reġjonali;

B. Tagħrif ieħor:

- ma jgħoddx.

V. *Miżuri ta' komplettezza għall-ħlasijiet diretti*

A. Karatteristiċi partikolari:

— Għajnuna tal-Komunità għal kull sena tal-programm;

B. Tagħrif ieħor:

— Deskrizzjoni ta' l-aġenzija li tħallas.

2. Miżuri applikabbli għal Malta

I. *Miżuri ta' komplettezza għall-għajnuna Statali*

A. Karatteristiċi prinċipali:

— ma jgħoddx;

B. Tagħrif ieħor:

— Deskrizzjoni ta' l-aġenzija li tħallas.

3. Derogi applikabbli għall-Istati Membri ġodda kollha

I. *It-titjib tat-tagħmil u taqgħid fuq is-suq tal-prodotti agrikoli*

A. Karatteristiċi prinċipali:

— ma jgħoddx;

B. Tagħrif ieħor:

— Lista ta' kumpaniji li jibbenefikaw minn perjodu ta' transizzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 331(3).

4. Deroga applikabbli għall-Estonja

I. *Tisgħir ta' art agrikola*

A. Karatteristiċi prinċipali:

— ma jgħoddx;

B. Tagħrif ieħor:

— deskrizzjoni tal-kontroll ta' l-użu ta' l-art matul l-aħħar ħames snin qabel it-tisgħir.

5. Deroga applikabbli għal Malta

I. *Ambejnt agrikolu*

A. Karatteristiċi prinċipali:

— ġustifikazzjoni u kalkolu tal-limiti annwali għall-manutenzjoni u l-preservazzjoni tal-ħitan tas-sejjeħ;

B. Tagħrif ieħor:

— ma jgħoddx.
